52) 18, 62(f)(g)(h)(i)(k) u (m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta u f'l-artikoli 10(2) u 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta' Malta;
53) 18, 62(f)(g)(h)(i)(k) u (m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta u f'l-artikoli 10(2) u 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta' Malta;
54) 18, 62(f)(g)(h)(i)(k) u (m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta u f'l-artikoli 10(2) u 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta' Malta;
55) 18, 62(f)(g)(h)(i)(k) u (m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta u f'l-artikoli 10(2) u 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta' Malta;
56) 18, 62(f)(g)(h)(i)(k) u (m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta u f'l-artikoli 10(2) u 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta' Malta;
57) 18, 62(f)(g)(h)(i)(k) u (m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta u f'l-artikoli 10(2) u 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta' Malta;
58) 18, 62(f)(g)(h)(i)(k) u (m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta u f'l-artikoli 10(2) u 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta' Malta;

59) 18, 62(f)(g)(h)(i)(k) u (m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta u f’l-artikoli 10(2) u 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta’ Malta;
60) 18, 62(f)(g)(h)(i)(k) u (m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta u f’l-artikoli 10(2) u 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta’ Malta;
61) 18, 62(f)(g)(h)(i)(k) u (m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta u f’l-artikoli 10(2) u 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta’ Malta;
62) 18, 62(f)(g)(h)(i)(k) u (m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta u f’l-artikoli 10(2) u 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta’ Malta;
63) 18, 62(f)(g)(h)(i)(k) u (m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta u f’l-artikoli 10(2) u 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta’ Malta;
64) 18, 62(f)(g)(h)(i)(k) u (m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta u f’l-artikoli 10(2) u 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta’ Malta;
65) 18, 62(f)(g)(h)(i)(k) u (m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta u f’l-artikoli 10(2) u 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta’ Malta;
66) 18, 62(f)(g)(h)(i)(k) u (m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta u f’l-artikoli 10(2) u 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta’ Malta;
67) 18, 62(f)(g)(h)(i)(k) u (m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta u f’l-artikoli 10(2) u 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta’ Malta;
68) 18, 62(f)(g)(h)(i)(k) u (m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta u f’l-artikoli 10(2) u 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta’ Malta;
69) 18, 62(f)(g)(h)(i)(k) u (m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta u f’l-artikoli 10(2) u 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta’ Malta;
70) 18, 62(f)(g)(h)(i)(k) u (m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta u f’l-artikoli 10(2) u 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta’ Malta;
71) 18, 62(f)(g)(h)(i)(k) u (m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta u f’l-artikoli 10(2) u 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta’ Malta;
72) 18, 62(f)(g)(h)(i)(k) u (m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta u f’l-artikoli 10(2) u 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta’ Malta;
73) 18, 62(f)(g)(h)(i)(k) u (m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta u f’l-artikoli 10(2) u 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta’ Malta;
74) 18, 62(f)(g)(h)(i)(k) u (m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta u f’l-artikoli 10(2) u 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta’ Malta;
75) 18, 62(f)(g)(h)(i)(k) u (m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta u f’l-artikoli 10(2) u 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta’ Malta;
76) 18, 62(f)(g)(h)(i)(k) u (m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta u f’l-artikoli 10(2) u 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta’ Malta;
77) 18, 62(f)(g)(h)(i)(k) u (m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta u f’l-artikoli 10(2) u 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta’ Malta;
78) 18, 62(f)(g)(h)(i)(k) u (m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta u f’l-artikoli 10(2) u 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta’ Malta;
79) 18, 62(f)(g)(h)(i)(k) u (m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta u f’l-artikoli 10(2) u 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta’ Malta;

80) 18, 62(f)(g)(h)(i)(k) u (m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta u f'l-artikoli 10(2) u 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta' Malta;
81) 18, 62(f)(g)(h)(i)(k) u (m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta u f'l-artikoli 10(2) u 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta' Malta;
82) 18, 62(f)(g)(h)(i)(k) u (m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta u f'l-artikoli 10(2) u 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta' Malta;
83) 10(2) tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta' Malta; u
84) 17, 23, 31, 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijietv ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kawza titkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat li waqt li kienu qed isiru s-sottomissjonijiet giet sollevata l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni da parti ta'l-imputat.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dawn il-proceduri jirrigwarda dazju dovut fuq importazzjoni ta' hut.

## PROVI PRODOTTI

Illi fid-depozizzjoni tieghu[3] l-ufficjal prosekutur jispjega li l-intervent tieghu intalab mill-Kontrollur tad-Dwana fi Frar tas-sena 2006 minhabba suspett ta' evazzjoni ta'  u dan peress li hut impurtat mill-Oman kien qed jinbiegh fis-suq lokali bi prezz irhis hafna. Ghalhekk gie deciz li issir investigazzjoni fuq l-importazzjoni li kien imiss; din kienet tas-17 ta' Frar 2006[4] u l-hut kien qed jigi impurtat fuq titjira tal-linja Emerates. Kien hemm tlett konsenji ta' hut fuq din it-titjira; mill-ewwel kostatazzjonijiet li saru irrizultaw xi diskrepanzi f'zewg impurtazzjonijiet: wahda ta' Water World Fisheries li kienet ta' certu Darren Debono[5] u l-ohra ta' Attard Holdings (agent ta' Customs and Freight Agency) li kienet ta' l-imputat. Fuq dik it-titjira l-imputat kellu konsenja ta' erbgha mija u hames kilos hut li originarjament kellha invoice ta' tminja punt hamsa dollari per kilo mentri meta saret id-dikjarazzjoni lid-Dwana is-supporting invoice

[3] A fol 77 et seq.
[4] Mid-depozizzjoni ta' Mario Galea, senior inspector mad-Dwana jidher li din it-titjira kienet fil-15 ta' Frar 2006 (ref depozizzjoni Mario Galea a fol 141). Anke id-dokumenti esebiti minn Mario Galea juri li d-data tat-titjira kienet 15 ta' Frar 2006.
[5] Fil-konfront ta' dan Debono ittiehdu proceduri separati ghall-irregolaritajiet li gew riskontrati.

kienet turi l-prezz ta' erbgha punt hamsa dollari per kilo. Mill-investigazzjoni li segwiet irrizulta li l-imputat ma kellux licenzja biex jimporta l-hut ghalhekk huwa kien jagixxi bhala agent ghal persuni / kumpaniji ohra li kellhom licenzja; il-klienti principali tieghu kienu Joseph Bugejaa  ta' Bugeja Fisheries, Darren Debono[6] ta' Ice Products Limited, u Anthony Micallef ta' Micallef Fish Shop[7]. Mill-investigazzjoni irrizulta ukoll li ghal kull imprtazzjoni kienu qed jinhargu tlett invoices bi prezziet differenti, wiehed aktar gholi mill-iehor. Id-Dwana kienet qed tithallas fuq dik bil-prezz l-aktar baxx; il-klienti kienu qed ihallsu fuq l-invoice li kienet turi l-prezz l-aktar gholi. F'l-investigazzjoni irrizulta ukoll li l-immputat kien jiehu hsieb kollox hu f'l-importazzjoni tal-hut f'isem il-klienti tieghu u kien jippresta servizzi anke bhala freight forwarder. Waqt id-depozizzjoni tieghu l-ufficjal prosekutur prezenta stqarrija rilaxxjata mill-imputat u Memorandum and Articles of Association tas-socjeta Customs and Freight Agency Limited minn liema jidher li fil-perjodu in ezami l-imputat kien direttur ta' din is-socjeta.  In kontroezami[8] ikkonferma li l-investgazzjoni fil-kaz ta' Darren Debono[9] kienet wahda separata u distinta mill-investgazzjoni fil-konfront ta'l-imputat. Aktar minn hekk ikkonferma li ghal kull konsenja invoices kien hemm tlieta: wahda mahruga mis-suppliers esteri, wahda li giet prezentata lid-Dwana u ohra li kienet tinghata lid-destinatarju finali tal-hut. Jghid ukoll li d-Dwana hadmu fuq dik li giet "minn barra". Qal ukoll li d-decizjoni dwar fuq liema invoice kellha tithallas dazju haduha l-ufficjali tad-Dwana.

Illi xehedu ufficjali ohra tal-pulizija: PS494 Gordon Borg[10] u WPS10 Marcelle Mifsud[11] li kkonfermaw r-rapport li kien sar mill-Kontrollur tad-Dwana u x'investigazzjoni segwiet dan ir-rapport. Xehed ukoll l-ispettur Timothy Zammit li prezenta rapport li kien gie redatt minn PS498 David Agius[12]. L-ispettur Zammit spjega li PS498 ma kienx ghadu fil-Korp pero ir-rapport kien irredigieh meta kien ghadu fil-Korp.

Illi xehedu diversi ufficjali tad-Dwana:

- John Camilleri[13] li prezenta l-ittra permezz ta'liema il-Kummissarju tal-Pulizija intalab jipprocedi fil-konfront ta'l-imputat ghar-reati hemm indikati (il-*letter to prosecute*).

---

[6] Ghalkemm b'l-istess isem, ma kienx l-istess Darren Debono ta' Water World Fisheries.
[7] Skond l-ufficjali tad-Dwana Mario Galea u Carmel Attard, l-imputat kellu klient iehor: C&L Calleja.
[8] A fol 1357 et seq.
[9] Il-persuna li fuq it-titjira tas-16 ta' Frar 2006 ukoll kellu konsenja ta' hut, u li huwa persuna separata u distinta minn Darren Debono ta' Ice Products Ltd, li ghan-nom tieghu kien jimporta hut l-imputat
[10] Depozizzjoni a fol 853 et seq.
[11] Depozizzjoni a fol 957 et seq.
[12] Ref Dok TZ1 a fol 1324.
[13] Depozizzjoni a fol 120 et seq.

- Mario Galea[14], senior inspector, spjega li wara informazzjoni li waslet lid-Dwana dwar hut importat minn Oman li kien qed jinbiegh irhis, saru verifiki ma' konsenji ta' hut li waslu minn Oman fil-15 ta' Frar 2006. Huwa spjega x'dokumentazzjoni jkun hemm bzonn ma' l-importazzjoni u x'procedura kienet adoperata meta l-konsennja kienet tkun ta' oggetti perishable. B'mod partikolari isemmi zewg dokumenti: SAD li hija dokument amministrattiv li jimtela' b'l-idejn u jintuza f'kaz ta' perishables; dan huwa necessarju biex il-mekanzija tkun tista' tigi rilaxxjata malajr. Wara tkun trid issir it-TTID (transit document), id-dokument ufficjali relatat mar-rilaxx tal-merkanzija liema dokument huwa komputerizzat u jidhol fis-sistema tad-Dwana. Huwa spjega ukoll li d-dokumentazzjoni li takkompanja l-merkanzija ma' tinzammx mal-merkanzija imma tinzamm minn ufficjali ta'l-Airmalta. B'referenza ghall-kaz in ezami u ghad-dokumentazzjoni tal-konsenji li kellu l-imputat fuq dik it-titjira x-xhud spjega li huma ra id-dokumenti li kienu ghand l-Air Malta u anke zammew kopja taghhom, u meta qabblu dawn id-dokumenti mat-TTID irealizzaw li kien hemm dispkrepanza. L-invoice originali ghall-konsenja ta' 44 kaxxa b'pis totali ta' 660 kilogramma kellha valur ta' $5,163.75; il-valur dikjara fit-TTID ghall-istess konsenja kien ta' $2715.00.[15] Saru l-investgazzjonijiet u wara li gew ezaminati dokumenti mehuda minghand l-imputat u l-klienti tieghu l-ufficjali tad-Dwana setghu jikkonkludu li ghal kull konsenja li kien ghamel l-imputat fis-snin ta' qabel kienu inhargu almenu tlett invoices, kull wahda bi prezz differenti; Dwana kienet qed tithallas fuq dik b'l-aktar prezz baxx. Wara analazi tad-dokumenti ghal kull konsenja li kien gab l-imputat u ta'l-invoices relattivi thejja rendikont li juri *inter alia* d-data ta' kull konsenja, l-ammont ta' hut importat, il-valur fuq l-invoice originali u l-valur dikjarat lid-Dwana u li a bazi tieghu thallset id-Dwana, kif ukoll l-ammont ta' dazju li kellu jithallas[16]; huma prezentaw ukoll id-dokumenazzjoni relattiva ghal kull wahda minn dawn l-importazzjonijiet[17]. In kontroezami[18] jghid li fil-kors ta'l-investigazzjoni taghhom ma rcevewx dokumentazzjoni mill-Oman. Huwa ta rendikont tad-dokumenti esbiti fid-depozizzjoni tieghu pero iccara li r-rilaxx ta' perishables isir a bazi ta' l-SAD; is-supporting documents ikun hemm referenza ghalihom fit-TTID u jekk ikun hemm il-htiega jintalbu lill-imputatur. Pressat diversi drabi biex jghid fuq liema bazi inhadem id- huwa ma kienx kapaci jirrispondi.

[14] Depozizzjoni a fol 140 et seq.
[15] Id-dokumentazzjoni relattiva ghal din il-konsenja giet esebita Doks DC1 sa DC3 a fol 152, 158 u 162 rispettivament.
[16] Dan ir-rendikont huwa esebit bhala Dok MG a fol 165.
[17] Doks MG1 sa Dok MG79.
[18] A fol 1368 et seq.

- Carmel Attard[19], ufficjal fit-taqsima ta'l-infurzar ikkorobora l-verzjoni mghotija mill-kollega tieghu Mario Galea. Huwa zied li mill-invesigazzjoni li ghamlu irrizultalhom li l-imputat kellu l-esklussivita tal-importazzjoni tal-hut ma' Masirah Fish Products f'l-Oman. Zied ukoll li mit-tlett invoices ghal kull konsenja dik b'l-aktar valur baxx kienet qed tigi prezentata lid-Dwana ghall-hlas tad-dazju; dik bil-valur originali li gie mhallas lil Masirah Fish Products kienet dik li a bazi taghha kienu qed isiru t-transazzjonijiet bankarji; u t-tielet invoice kienet tinghatat lill-klienti.

- Rayond Zammit[20] li kien weigher spjega li l-involviment tieghu kien li kien jassigura li l-piz tal-konsenja kient taqbel mal-piz dikjarat fid-dokumenti. Huwa fil-fatt kien jiffirma d-dokumenti bhala sinjal li l-piz kien korrett.

- Andrew Cassar[21] ufficjal tad-Dwana f'l-air freight section. Huwa spjega li f'kaz ta' perishables kien hemm process simplifikt ghar-rilaxx tal-merkanzija fis-sens li fil-waqt li d-declaration tad-Dwana tiehu saghtejn biex issir fil-kaz ta' perishables kienet tigi prezentata dikjarazjoni manwali (l-SAD cioe Single Administrative Document) li maghha irid ikun hemm is-supporting documents. Dawn id-dokumenti jigu prezentati lill-fizzjali tad-Dwana u fejn hemm hlas dan irid isir permezz ta' cheque. Qabel ma l-merkanzija tigi rilaxxjata isiru l-clearences kollha necessarji skond ma tesigi t-tip ta' mekanzija. Meta jitlesta l-process kollu l-merkanzija tigi rilaxxjata u wara isir kollox b'mod elettroniku fis-sistema tad-Dwana.

Illi tressqu biex jixhdu ukoll rapprezentanti tad-Dipartiment tas-Sajd:

- Raymond Caruana[22]; dan ix-xhud spjega is-sistema li tirrigwarda l-importazzjoni tal-hut pero huwa ta informazzjoni dwar is-sistema vigenti fil-gurnata li huwa kien qed jixhed; ma kellu l-ebda informazzjoni dwar is-sistema li kienet adoperata fis-snin 2004 sa 2006.

- Francis Caruana[23] spjega is-sistema adoperata mid-Dipartimen tas-Sajd f'l-importazzjoni tal-hut minn pajjizi barra l-Ewropa fil-perjodu mertu ta' dawn il-proceduri u x'procedura kienet mehtiega qabel ma l-hut jigi rilaxxjat. Huwa ikkonferma li lill-imputta kien jafu ghaliex kien jimporta l-hut u kien ikun l-airport meta jaslu l-konsenji, hafna drabi kien ikun mal-klienti tieghu.

[19] Depozizzjoni a fol 911 et seq
[20] Depozizzjoni a fol 1269 et seq.
[21] Depozizzjoni a fol 1325 et seq.
[22] Depozizzjoni a fol 849 et seq.
[23] Depozizzjoni a fol 1285 et seq.

Illi tressqu ukoll biex jixhdu quddiem din il-Qorti Antoine Micallef ta' Micallef Fish Shop[24]; Bernard Debono li kien bi shab fin-negozju ma' Darren Debono u dak iz-zmien kienu joperaw b'l-isem Iced Products[25]; Joseph Bugeja ta' Bugeja Fish Market[26]; u Louis Calleja ta' C&A Calleja Trading[27]. Kull wiehed minn dawn il-persuni ikkonferma li kienu jimportaw il-hut mill-Oman u kienu juzaw is-servizzi ta' l-imputat biex jaghmlu hekk. Aktar minn hekk Jospeh Bugeja prezenta lista, bid-dettalji kollha relattivi, tal-konsenji kollha li gablu l-imputat[28]

Illi l-prosekuzzjoni ressqet ukoll rapprezentanti tal-banek lokali biex jaghtu informazzjoni dwar kontjiet bankarji ta' l-imputat u tas-socjeta Customs and Freight Agency Limited[29]

Illi l-imputat ghazel li jiddeponi quddiem din il-Qorti[30]. Huwa spjega li fil-kors tax-xoghol tieghu bhala customs broker beda jaghti s-servizzi tieghu lil diversi impurturi ta' hut. Il-hut kien jigi primarjament minn kumpanijia jisimha Masirah Fish Products f'l-Oman li kienet wahda mill-unici kumpaniji approvata mill-Unjoni Ewropea biex tseporta hut lejn pajjizi Ewropew. L-imputat jispjega li wara x ftit xhur beda jinholoq inkwiet bil-mod kif kien qed isir in-negozju bejn Masirah u l-impurtaturi lokali tant li Masirah ma ridux jibqghu jinnegozjaw maghhom. Masirah stiednu lill-imputat imur l-impjant taghhom u appuntawh bhala rapprezentant taghhom. Hu specifika li m'appuntawhx bhala agent u lanqas ftehmu li hu jkun l-impurtatur ewlieni biex mbaghad jiddisptibwixxi hawn Malta, imma appuntawh biex ikun jista' jircievi l-ordnijiet minghand il-klienti u jghaddihom lilhom. L-imputatt iddeskriva lilu nnifsu bhala pont bejn is-supplier u l-klient. L-imputat spjega li permezz ta' dan il-ftehiem Masirah gwadanjaw fis-sens li x-xoghol jigi cleared mid-Dwana b'efficenza fil-waqt li kellhom garanzija li l-imputat kien ser jigbrilhom flushom. Dan il-ftehiem ma Masirah sar bil-miktub fit-18 ta' Mejju 2005. Wahda mill-kundizzjonijiet li kienet timponi Masirah kienet li kull importazzjoni ma tkunx anqas minn total ta' hames mitt kilo li kien difficli ghal kull impurtatur wahdu. Aktar minn hekk jispjega li kien hemm persuna jismu Ramesh li kien jixtri l-hut minghand is-sajjida, jihdu ghand Masirah, hemm il-hut jigi preparat u ippakjat biex jigi esportat. L-imputat kompla jispjega li kien ikun hemm tlett invoices: wahda li turi l-valur tal-hut li kienu jircievu minghand Masirah (u li fuqha l-imputa kien ihallas id-dazju); kien hemm invoice li kienet tigi prezentata lill-klient u li kienet tinkludi cost and freight; hemm invoice

[24] Depozizzjoni a fol 917 et seq.
[25] Depozizzjoni a fol 928 et seq.
[26] Depozizzjoni a fol 932 et seq.
[27] Depozizzjoni a fol 940 et seq.
[28] Esebita abhala Dok JB1 a fol 837.
[29] Dawn kienu Audrey Ghigo in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta plc (depozizzjoni a fol 962 et seq); Romwald Attard in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc (depozizzjoni a fol 1006 et seq);
[30] Depozizzjoni a fol 1400 et seq.

iehor ghall-ammont differenti (anqas minn dik li jidher f'l-invoice mghotija lill-klient imma aktar minn dik li fuha thallas id-dazju) li kien l-ammont li l-imputat kien ihallas lil Masirah. Id-differenza bejn l-ammont li kien jidher f'l-invoice mghotija lill-klient u l-invoice li a bazi taghha kien jithallas Masirah kien jirraprezentaa l-commission dovuta lill-imputat. L-imputat ta' hafna aktar dettalji dwar ir-ragunighalfejn kien qed jimporta hut mill-Oman, kif kienet issir l-importazzjoni, dwar id-dokumentazzjoni li kienet necessarja biex jigi rilaxxjat il-hut. Huwa ghadda in rassenja diversi dokumenti esebieti[31] biex jitfa' dawl fuq kif jopera dan in-negozju tieghu u anke biex jispjega l-valuri (prezzieijiet) hemm indikati u x'jirraprezentaw.

## KUNSIDRERAZZJONIJIET

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ssolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Peress li fir-rigward ta' uhud mill-imputazzjonijet huwa necessarju li jigu trattati xi punti partikolari li ser jigi sollevati mill-Qorti *ex officio* u li r-rizzoluzzjoni taghhom tirrikjedi li jigu trattati qabel jew flimkien mal-preskrizzjoni l-Qorti ser tipprocedi billi titratta kull imputazzjoni jew sett ta' imputazzjonijiet flimkien ma' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jekk ikun il-kaz.

## L-Ewwel Sett ta' Imputazzjonijiet Bazati Fuq il-Kapitolu 9

Illi permezz ta' l-ewwel tlett imputazzjonijiet l-imputat qed jigi abedietat b'reati li allegatament sehhew "*f'Jannar 2009 u fi xhur u fis-snin ta' qabel*".

Illi mill-atti processwali pero jirrizulta li l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni sehhew bejn it-22 ta' Ottubru 2004 u l-24 ta' Frar 2006, cioe d-dati ta'l-ewwel u l-ahhar importazzjoni ta' hut da parti ta'l-imputat.

Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

> *Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza,* ***bil-partikularitajiet ta' zmien***[32] *u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka*

[31] Sia dokumenti esebiti mix-xhieda tal-prosekuzzjoni kif ukoll dokumenti esebiti minnu stess.
[32] Is-sottolinear huwa tal-Qorti.

*tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."*

Illi fis-sentenza mghotija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil-kawza f'l-ismijiet Pulizija vs John Mary Briffa, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal li:

*L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' " tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f'l-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament.*

Illi dan l-istess principju gie riaffermat mill-istess Qorti ta'l-Appell Krminali f'diversi kawzi ohra inkluz dawk f'l-ismijiet *Pulizija vs Warren Piscopo* u *Pulizija vs Rita Thuema,* it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011.

Illi b'applikazzjoni ta' dawn il-principji ghall-kaz in ezami huwa car li l-imputat ma jistax jinstab hati ta'l-ewwel tlett imputazzjonijiet ghaliex dawn jirreferu ghal fatti li suppost sehhew *f' Jannar 2009 u fix-xhur u s-snin ta' qabel* meta l-fatti li fuqhom huma bazati il-proceduri odjerni sehhew fi Frar 2006 u fis-snin ta' qabel. Mill-atti ma jirrizultax li wara l-ahhar importazzjoni ta' Frar 2006 ghamel xi haga relatata ma' dan il-kaz u li tista tinkwadra ruhha f'l-ewwel tlett imputazzjonijiet.

Illi konsewgentement l-ewwel tlett imputazzjonijiet kif impostati zgur li ma jistghux jissussistu.

## It-Tieni Sett ta' Imputazzjonijiet (Numru 1 sa 79 dwar dazju)

Ikkunsidrat

<u>Punti Preliminari</u>

Illi permezz ta' dawn l-imputazzjonijiet l-imputat qed jigi akkuzat li huwa ma hallasx id-dazju kollu li kellu jithallas fuq diversi importazzjonijiet.

Illi meta fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju l-Avukat Generali elenka d-disposizzjonijet tal-Ligi li tahthom fil-fehma tieghu tista tinstab htija fil-konfront ta' l-imputat b'referenza ghall-imputazzjonijiet numru 1 sa 79 minn dan it-tieni sett ta' imputazzjonijiet, minbarra dispozizzjonijiet predisposti fil-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta irrefera ukoll ghall-artikoli 10(2) u 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-artikolu 18A tal-Kapitolu 337, li kien jipprovdi dwar dazju perikolat, gie abrogat permezz ta' l-Att III tas-sena 2013 (artikolu 28) ghalhekk l-imputat zgur ma jistax jinstab hati tar-reat li kien prospettat f'dik id-dispozizzjoni, ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta'l-addebietu bazat fuq l-artikolu 18A tal-Kapitolu 337.

Illi l-artikolu 10(2) tal-Kapitolu 37 jipprovdi li:

> *Il-Kummissarju jista', f'kull żmien, egħluq sitt snin wara li jkunu ġew sdazjati oġġetti ta' kull xorta, jeħtieġ mingħand limportatur jew l-aġent tiegħu l-produzzjoni fil-post tiegħu jew post ieħor ta' kull ktieb tan-negozju jew records, sew jekk preskritt b'liġi jew xort'oħra, jew ta' dokumenti oħra ta' kull xorta, tkun li tkun li jirreferixxu għax-xiri, importazzjoni, bejgħ, ħażna jew ipproċessar ta' dawk l-oġġetti u jekk l-importatur jew l-aġent tiegħu onqos milli jħares xi ħtieġa bħal dik ikun ħati ta' reat ....*

Illi meta wiehed jara l-imputazzjonijiet issa in ezami u kif gew dedotti fic-citazzjoni ghandu jkun car li l-artikolu 10(2) tal-Kapitolu 337 m' ghandu jsib l-ebda applikazzjoni ghaliex ir-reat hemm prospettat huwa ghal kollox separat u distint minn dak li l-imputat gie addebietat bihom fit-termini tac-citazzjoni.

## Preskrizzjoni

Illi l-imputazzjonijiet numru erbgha (1) sa numru disgha u sebghin (79) f'dan it-tieni sett ta' imputazzjoniji) jirreferu ghal fatti li sehhew f'diversi dati mit-22 ta' Ottubru 2004 sal-24 ta' Frar 2006. Permezz ta' dawn l-imputazzjonijiet l-imputat qed jigi addebietat b'l-istess reat ossia diversi istanzi ta'l-istess reat, kollha maghmula b'rezoluzzjoni wahda.

Illi ghalhekk dawn ir-reati, jekk jissussistu, ma jistghux jigu kkunsidrati bhala reati separati u distinti minn xulxin ghaliex kollha flimkien jikkostitwixxu reat

wiehed kontinwat[33]. Issa ai termini ta'l-artikolu 691(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta f'kaz ta' reat kontinwat iz-zmien tal-preskrizzjoni jibda *mill-jum li fih isir l-aħħar ksur tal-liġi.* Ghalhekk ghar-rigward ta'l-imputazzjonijiet issa in ezami il-preskrizzjoni bdiet tidekkorri fil-25 ta' Frar 2006.

Illi skond ma kien jipprovdi l-artikolu 73 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta fiz-zmien in ezami[34] l-azzjoni fir-rigward ta' reat bi ksur ta' xi dispozizzjoni taht dak il-Kapitolu 37 taqa' bid-dekors ta' sitt snin. Konsegwentment ir-reati issa in ezami kienu jaqaw bi preskrizzjoni f'l-24 ta' Frar 2012.

Illi mill-atti ma tirrizultax d-data preciza meta l-imputat gie notifikat bic-citazzjoni[35]. Din giet prezentata fir-Registru fil-5 ta' Novembru 2010. Il-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-6 ta' Dicembru 2010; bejn dak in-nhar u l-1 ta' Gunju 2011 inzammu hames seduti li ghalihom deher l-ufficjal prosekutur jew wahdu jew flimkien ma' rapprezentant tal-Kontrollur tad-Dwana. Mill-verbali ta' dawn l-udjenzi[36] ma jidhirx li l-imputat gie notifikat. L-imputat deher ghall-udjenza tad-19 ta' Settembru 2011 ghalhekk bil-fors li gie notifikat f'xi zmien bejn l-1 ta' Gunju 2011 u d-19 ta' Settembru 2011.

Illi dan ifisser li l-imputat gie notifikat qabel id-dekors tas-sitt snin u konsegwentement l-imputazzjonijiet issa in ezami mhumiex preskritti u inkwantu tirreferi ghal dawn l-imputazzjonijiet l-eccezzjoni qed tigi michuda.

<u>Fil- Mertu</u>

Illi minkejja ix-xhieda voluminuza migbura f'dan il-kaz, u minkejja l-informazzjoni kollha li nghatat lill-Qorti dwar is-sistemi adoperata mid-Dwana qabel ir-rilaxx ta' xi merkanzija, partikolarmnet perishables bhal m'hu il-hut, il-fatti relevanti ghar-rizoluzzjoni ta'l-imputazzjonijiet issa in ezami huma ftit u fil-verita m'hemmx kontestazzjoni dwarhom:

- L-imputat kien beda l-involviment tieghu fil-qasam ta'l-importazzjoni tal-hut billi jaghti servizz ta' customs broking lil diversi persuni li kellhom licenzja biex jimpurtaw il-hut.
- Il-hut kien jigi impurtat mill-Oman minghand kumpanija jisimha Masirah Fish Products.

[33] Dan anke kif jirrizulat mid-dicitura tac-citazzjoni.
[34] Cioe dak li kienet tipprovdi din id-dispozizzjoni wara l-emendi li dahlu fis-sehh permezz ta'l-Att XII tas-sena 2011 (artikolu 11) pero qabel l-emedi li dahlu fis-sehh permezz ta'l-Att XXXII tas-sena 2007 (artikolu 31).
[35] Meta giet sollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni waqt li kienu qed isiru s-sottomissjonijiet l-prosekuzzjoni la ghamlet sottomissjonijiet u lanqas talbet zmien biex tressaq provi fir-rigward.
[36] Minn fol 26 sa 30.

- Wara ftit xhur jista' jkun li nqala' xi disgwid bejn il-partijiet kollha koncernati ghalhekk f' Mejju 2005 l-imputat iffirma ftehiem ma' Masirah "*to represent them with fish products in Malta*". Aktar minn hekk gie stabbilit li l-imputat "*will be the dealer of such fish in Malta and agrees to supply its* (cioe ta' Masirah) *customers in Malta*".
- Skond dawn l-arrangamenti dawk il-persuni li kellhom licenzja mahruga f'isimhom kienu jinfurmaw lill-imputat x'hut iridu u hu, b'l-uzu tal-licenzja taghhom, kien jaghmel l-arrangamenti kollha necessarji ghall-importazzjoni.
- Ghal kull konsenja kienu johorgu tlett invoices: wahda bi prezz baxx li a bazi taghha kien jithallas id-dazju; wahda bi prezz tan-nofs li kien il-prezz li jithallas lil Masirah; ohra bi prezz l-aktar gholi li kien il-prezz li l-impurtaturi kienu jhallsu lill-imputat. L-izghar ammont kien jirraprezenta il-prezz tal-hut li kien jithallas lis-sajjied f'l-Oman; il-prezz tan-nofs kien jirraprezenta l-prezz li jithallas lil Masirah u li kien jinkludi l-hlas dovuta lill-middleman (Ramesh) li kien jixtri l-hut minghand is-sajjied u jgiebu ghand Masirah; l-ghola prezz kien jirraprezenta l-prezz imhallas lil Masirah flimkien mal-commission dovuta lill-imputat ghas-servizzi rezi minnu[37].
- L-imputat kien ihallas dazju fuq l-inqas prezz.
- Id-Dwana qed jippretendu li dazju kellu jithallas fuq il-prezz tan-nofs; dan jirrizulta mir-rendikont esebiet mix-xhud Mario Galea[38].

Illi minn dawn il-fatti (fid-dawl tal-provi kollha prodotti) bla edba dubbju jista' jigi asserit li l-imputat kien il-persuna li jiehu hsieb kull aspett ta' l-importazzjonijiet in ezami; kull decizjoni (hlif ix-xorta u l-kwantita ta'hut li jkunu jridu l-klienti tieghu) kienet tittiehed minnu u kien hu li kien jiggestixxi il-formalitajiet kollha mad-Dwana u dipartimenti ohra li setghu kienu koncernati. Kien hu ukoll li jiehu hsieb id-dokumentazzjoni kollha. Ghalhekk m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-imputat kien konspevoli ta' dak kollu li kien qed jigri u li wassal hgal dawn il-proceduri,

Illi m'hemm l-ebda dubbju ukoll li l-kwistjoni li trid tigi rizolta f''dan il-kaz hija fuq liema minn dawn it-tlett invoices kellu jithallas id-dazju. Id-Dwana jikkontendu li ghandu jithallas fuq il-prezz tan-nofs, cioe il-prezz li jinkludu l-commission imhallsa f'l-Oman.[39] L-imputat jikkontendi li d-dazju ghandu jithallas fuq il-prezz originali tal-hut, dak imhallas lis-sajjied.

---

[37] B'referenza ghall-persuna identifikat bhala Ramesh u li l-imputat jikkontendi li huwa middleman ben is-sajjied u Masirah, il-Qorti ghandha dubbji kemm tista temmen lill-imputat. Ghalkemm l-imputat jghid li Ramesh kien middleman bejn Masirah u s-sajjieda, fl-emails esebiti mill-imputat u dawk li huma annessi mar-rapport esebit mill-Ispettur Timothy Zammit jidher li dan Ramesh kien jagixxi u jiktellem ghal Masirah Fish Products.

[38] Dok MG a fol 165

[39] Kif jirrizulta mir-riassunt tal-provi prodotti, in kontroezami ix-xhud Mario Galea ma kienx kapaci jaghti risposta cara ghall-mistoqsija fuq liema prezz kellu jithallas id-dzazju. Pero mir-rendikont preparat minnu u minn dak li jirrizulta mill-letter to prosecute u mic-citazzjoni huwa car li d-Dwana jippretendu li dazzju ghandu jithallas fuq il-prezz tan-nofs.

Illi sknd l-artikolu 2 tal-Kapitolu 37 dazju huwa:

> *kull dazju li jitħallas lill-Kummissarju tat-Taxxi fuq oġġetti importati* ***u tinkludi dazju ta' importazzjoni[40],*** *dazju ta' esportazzjoni, dazju fuq il-biedja, dazju kontra dumping, dazju ta' kumpens u dazju tas-sisa*

Illi skond l-ewel artikolu tat-tielet skeda tal-Kapitolu 337 tal-Ligjiet ta' Malta[41] li jirregola Dazji dwar Importazzjoni

> *The customs value of imported goods shall be the transaction value, that is the price actually paid or payable for the goods when sold for export to Malta.*

Illi b'applikazzjoni ta'dawn id-dispozizzjonijiet ghall-kaz in ezami huwa car li l-prezz realment imhallas mistoqsija meta l-hut gie esportat ghal Malta ma kienx il-prezz indikat f'l-invoice l-aktar baxxa; dak kien il-prezz li hallas Masirah biex akkwista l-hut minghand is-sajjied tramite Ramesh. Fil-fatt l-esportatur kien Masirah (u mhux is-sajjied) u l-prezz imhallas lil Masirah huwa dak li thallas biex u meta l-hut gie esportat lejn Malta.

Illi tenut kont ta' dan huwa car li l-imputat kien zbaljat meta prezenta l-izghar invoice ai fini ta' hlas ta' Dwana u li konsegwentment, ma kull importazzjoni, ma hallasx id-dazju kollu dovut.

Illi ghalhekk il-Qorti hija sodisfatta li l-imputazzjonijiet issa in ezami jissussistu bir-rizerva li l-imputat qed jinstab hati ta' dawn ir-reati in kwantu jirreferu ghal ksur tal-Kapitolu 37 tal-Ligjiet ta' Malta u mhux ta' xi dis[ozizzjonijiet tal-Kapitolu 337.

## L-Ahhar Imputazzjoni

Ikkunsidrat

Illi permezz ta'l-ahhar imputazzjoni migjuba kontra tieghu (l-imputazzjoni numru tmenin), l-imputat qed jigi addebietat bir-reat ravvizat f'l-artikolu 10(2) tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta' Malta, b'referenza ghal fatti li allegatament sehhew f'April 2006.

<u>Preskrizzjoni</u>

[40] Is-sottolinear huwa tal-Qorti.
[41] Din l-iskeda hija promulgata fil-lingwa Ingliza biss.

Illi piena ghar-reat prospettat fid-dispozizzjoni in ezami hija *multa ta' mhux anqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) u mhux iżjed minn ħamest elef u tmien mija u tlieta u għoxrin euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€5,823.43)*. La darba l-Kapitolu 337 ma jipprovdiex b'mod specjali dwar il-preskrizzjoni ghar-reati hemm prospettati, huwa l-Kapitolu 9 li ghandu jirregola l-preskrizzjoni ghar-reat issa in ezami. Ai termini ta'l-artikolu 688(e) tal-Kapitolu 9 l-azzjoni taqa' bi preskrizzjoni *bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ..... tal-multa*.

Illi kif diga ntqal ai termini tac-citazzjoni l-prosekuzzjoni qed tallega li l-fatti li allegatament jaghtu lok ghal din l-imputazzjoni sehhew fi f'April 2006[42], ghalhekk l-azzjoni fir-rigward ta' din l-imputazzjoni taqa' bi preskrizzjoni f'Mejju 2008. Mill-konsiderazzjonijiet dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward ta'l-imputazzjonijiet li gew trattati qabel din, jirrizulta li l-imputat gie notfikat bic-citazzjoni f'xi zmien bejn l-1 ta' Gunju 2011 u d-19 ta' Settembru 2011; aktar minn hekk jirrizulta li c-citazzjoni giet prezentata fil-5 ta' Novembru 2010.

Illi ghalhekk jirrizulta ampjament li l-imputat gie notifikat ferm wara Mejju 2008 u ghalhekk meta l-azzjoni kienet diga preskritta. Konsegwentement l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni qed tigi milqugha fir-rigward ta' din l-imputazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena hemm diversi aftturi x'jittiehdu in kondsiderazzjoni. Fil-kors tad-depozizzjoni tieghu l-imputat jghid li gia huwa hallas id-dazju perikolat, fil-fatt fis-sottomissjonijiet ta'l-abbli difensur tieghu ntqal li l-kwistjoni llum hija sempliciment jekk l-imputat ghandux responsabbilta penali ghaliex m'hemm l-ebda ammont dovut lid-Dwana.

Illi ai termini ta'l-artikolu 62 tal-Kapitolu 9 il-piena ghar-reati li taghhom qed jinstab hati hija multa ekwivalenti ghal tlett darbiet id-dazju dovut jew hames

---

[42] Ghal kull bon fini jigi rilevat jigi rilevat li dwar ir-reat issa in ezami ma tressqu l-ebda provi, la mill-prosekuzzjoni u lanqas mill-imputat. Fil-fatt mill-atti ma jirrizultax li f'April 2006 l-imputat intalab xi dokumenti jew informazzjoni mill-Kontrollur tad-Dwana u jekk iva liema informazzjoni intalab jaghti, wisq anqas jirrizulta li l-imputat naqas li jaghti xi informazzjoni minnu rikjesta. Fil-verita, indipendentement mid-data imsemmija fic-citazzjoni, mill-atti ma jirrizultax li l-imputat qatt intalab xi dokumenti jew informazzjoni kif prospettat f'l-artikolu 10(2) tal-Kapitolu 337 u li huwa naqas li jaghti dawk id-dokumenti jew dik l-informazzjoni. Dak li jirrizulta mill-atti huwa fi Frar 2006 ufficjali tad-Dwana flimkien ma' ufficjali tal-pulizija, muniti bil-mandati necessarji, ghamlu tifxxija fil-post minn fejn kien jopera l-imputat u minn hemm hadu dawk l-oggetti kollha li deherilhom li kellhom u setghu jiehdu ai fini ta'l-investigazzjoni taghhom. Mill-atti ma jirrizultax li wara dak in-nhar l-imputat intalab jaghti aktar informazzjoni jew dokumenti, hlif ghall-interrogatorju da parti ta'l-ufficjal prosekutur fid-9 ta' Marzu 2006.

darbiet id-dazju perikolat skond liema huwa lanqas b'dan li l-multa qatt m'aghndha tkun anqas minn sitt mitt Euro (€600).

Illi kif ntqal l-imputat hallas d- li kien qed jigi pretiz mid-Dwana u ghalhekk llum m'hemm l-ebda dazju li huwa perikolat. F'dawn ic-cirkostanzi u tenut kont min-naha li hames darbiet ix-xejn huma xejn, u tenut kont min-naha l-ohra l-mulat qatt ma tista tkun anqas minn sitt mitt Euro, il-multa li ghandha tigi imposta hija fil-fatt ta' sitt mitt Euro.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tiddikjara preskritta l-azzjoni fir-rigward ta'l-ahhar imputazzjoni; fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u tilliberah minnhom; wara li rat l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 18, 62(f)(g)(h)(i)(k)(m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta'l-imputzzjonijiet l-ohra kolllha in kwantu biss jirreferu ghal ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 37 taghhom tikundannh multa ta' sitt mitt Euro (€600) li terz minnha ghandha titqies dejn civili u addebietat u li ghandu jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**